**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-Hamis, 3 ta' Dicembru 2015**

**Rikors numru 80/2015 (JVC)**

**Frankie Camilleri u Syuan Camilleri**
**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Frankie u Syaun konjugi Camilleri ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap 12 u tal-ARtikolu 253(1) tal-Kap. 16 fejn bil-gurament kkonfermaw:

1. Illi fl-att tat-twelid ta' binthom Morann li jgib in-numru mija u hamsa tas-sena elfejn u ghaxra (105/2010), anness u markat dokument A, fil-parti relattiva ghat-taghrf dwar it-tarbija fil-kolonna ntestata: Ismijiet moghtijin lit-tarbija, l-ewwel isem moghti lil binthom gie registrat u jara Moran minflok Morann cioe' gie registrat b'ittra 'n' wahda minflok 'n' doppja ('nn'), u l-istess zball fl-ortografija tal-isem gie ripetut ukoll fil-kolonna ntestata Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, fejn isem it-tifla rega' gie registrat u jidher bhala 'Moran' minflok 'Morann'.

Illi l-isem korrett moghti mir-rikorrenti lil binthom fit-twelid hu ta' 'Morann' u mhux 'Moran' kif gie erronjament registrat fic-certifikat tat-twelid taghha.

Illi r-rikorrenti qeghdin iressqu t-talba taghhom biex isem binthom fl-att tat-twelid jigi kkoregut u jara 'Morann' kif kellu jigi registrat u jaqra sa mill-bidu u mhux 'Moran'.

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-ewwel isem moghti lit-tarbija meeta twieldet u giet imghammda huwa ta' 'Morann' u mhux 'Moran' kif erroneament gie rregistrat fl-Att tat-Twelid tat-Tarbija bin-numru mija u hamsa tas-sena elfejn u ghaxra (105/2010), u li l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha mhuwiex 'Moran' kif jidher rifless ukoll b'mod zbaljat fl-Att tat-twelid imsemmi, izda 'Morann';

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 105/2010 ta' binthom billi l-ewwel isem moghti lit-tarbija fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtijin' dan jigi registrat u jaqra 'Morann' minflok 'Moran', u minflok l-isem 'Moran' fil-kolonna ntestata "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' dan isir u ghandu jigi jara 'Morann' u mhux 'Moran'.
Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn ikkonferma:

1. illi huwa mhux qieghed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-salv gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. illi nonostante l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti peress li l-allegat 'zball' in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti.

3. salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess seduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut hija sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' Syuan Camilleri jirrizulta car li l-intenzjoni kienet illi l-bint tissemma Morann u mhux kif indikat fic-certifikat tat-twelid taghha.

Il-Qorti izda anke mix-xhieda ta' l-istess attrici fehmet illi facilment min kien qed jiehu d-dettalji seta' gie ndott fi zball ta' kif kellu jinkiteb dan l-isem.

Jirrizulta li l-attrici a tempo vergine ma ccekkjajx dak li tnizzel.

**Decizjoni:**

Tilqa' t-talba u:

1.Tiddikjara li l-ewwel isem moghti lit-tarbija meta twieldet u giet imghammda huwa ta' 'Morann' u mhux 'Moran' kif erroneament gie rregistrat fl-Att tat-Twelid tat-Tarbija bin-numru mija u hamsa tas-sena elfejn u ghaxra (105/2010), u li l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha mhuwiex 'Moran' kif jidher rifless ukoll b'mod zbaljat fl-Att tat-twelid imsemmi, izda 'Morann';

2.Konsegwentement tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 105/2010 ta' bint l-atturi billi l-ewwel isem moghti lit-tarbija fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtijin' dan jigi registrat u jaqra 'Morann' minflok 'Moran', u minflok l-isem 'Moran' fil-kolonna ntestata "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' dan isir u ghandu jigi jara 'Morann' u mhux 'Moran'.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur